Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0399(COD)

20.5.2026

EMENDI
531 - 828

Abbozz ta' rapport
Tsvetelina Penkova
(PE785.275v01-00)

Linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, emenda tar-Regolamenti (UE) 2019/942, (UE) 2019/943, u (UE) 2024/1789 u tħassir tar-Regolament (UE) 2022/869

Proposta għal regolament
(COM(2025)1006 – 2025/0399(COD))

Emenda 531
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istati Membri japplikaw l-eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, huma għandhom jiżguraw li r-regoli dwar miżuri effettivi ta' mitigazzjoni li jridu jiġu adottati għall-proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fl-Anness II, il-punt (1) jiġu identifikati abbażi tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, sabiex jiġi evitat l-impatt ambjentali avvers li jista' jinħoloq jew, meta dan ma jkunx possibbli, biex dan jittaffa b'mod sinifikanti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa jiġu applikati fil-ħin biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(1), ***il-punt*** (a)(i), tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u biex jevitaw id-deterjorament u jiksbu status ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.	Meta l-Istati Membri japplikaw l-eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, huma għandhom jiżguraw li r-regoli dwar miżuri effettivi ta' mitigazzjoni li jridu jiġu adottati għall-proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fl-Anness II, il-punt (1) jiġu identifikati abbażi tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, sabiex jiġi evitat l-impatt ambjentali avvers li jista' jinħoloq jew, meta dan ma jkunx possibbli, biex dan jittaffa b'mod sinifikanti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa jiġu applikati fil-ħin biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(1), ***il-punti*** (a)(i), ***(b) u (c)*** tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u biex jevitaw id-deterjorament u jiksbu status ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.

Or. en

Emenda 532
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istati Membri japplikaw l-eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, huma	Meta l-Istati Membri japplikaw l-eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, huma

għandhom jiżguraw li r-regoli dwar miżuri effettivi ta' mitigazzjoni li jridu jiġu adottati għall-proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fl-Anness II, il-punt (1) jiġu identifikati abbażi tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, sabiex jiġi evitat l-impatt ambjentali avvers li jista' jinħoloq jew, meta dan ma jkunx possibbli, biex dan jittaffa ***b'mod sinifikanti***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa jiġu applikati fil-ħin biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(1), il-punt (a)(i), tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u biex jevitaw id-deterjorament u jiksbu status ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.	għandhom jiżguraw li r-regoli dwar miżuri effettivi ta' mitigazzjoni li jridu jiġu adottati għall-proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fl-Anness II, il-punt (1) jiġu identifikati abbażi tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, sabiex jiġi evitat l-impatt ambjentali avvers li jista' jinħoloq jew, meta dan ma jkunx possibbli, biex dan jittaffa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa jiġu applikati fil-ħin biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(1), il-punt (a)(i), tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u biex jevitaw id-deterjorament u jiksbu status ekoloġiku tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tneħħi r-rekwiżit li l-effetti avversi jittaffew "b'mod sinifikanti", peress li t-terminu mhuwiex definit b'mod ċar u jista' jwassal għal inċertezza legali u applikazzjoni inkonsistenti madwar l-Istati Membri. Hija meħtieġa ċarezza legali akbar biex jiġi evitat dewmien bla bżonn fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi filwaqt li jinżammu salvagwardji ambjentali effettivi.

Emenda 533
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 10 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-proġetti li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, ***l-awtoritajiet*** kompetenti ***għandhom iwettqu skrinjar biex jidentifikaw***:	Għall-proġetti li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, ***il-promotur ta' proġett għandu, fin-notifika msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10, jispeċifika lill-awtoritajiet*** kompetenti:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta għandha l-għan li tevita r-riskju li l-formulazzjoni attwali tista' tiġi interpretata bħala li tintroduċi proċedura ta' skrinjar awtonoma addizzjonali għal proġetti li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali skont l-Artikolu 7(7). Ir-referenza għal skrinjar imwettaq mill-awtorità kompetenti tista' twassal għal verifiki ambjentali duplikati, minkejja l-fatt li l-impatti rilevanti diġà ġew ivvalutati fil-livell strateġiku permezz tal-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali.

Emenda 534
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 10 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-proġetti li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, ***l-awtoritajiet*** kompetenti ***għandhom iwettqu skrinjar biex jidentifikaw***:	Għall-proġetti li għalihom l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7, ***il-promotur ta' proġett għandu, fin-notifika msemmija fl-Artikolu 10, il-paragrafu 5, jispeċifika lill-awtoritajiet*** kompetenti:

Or. en

Emenda 535
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-iskrinjar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi ffinalizzat fi żmien 45 jum min-notifika ***tal-promotur tal-proġett imsemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10***.	***L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-akkuratezza tad-dikjarazzjoni*** fi żmien 45 jum min-notifika.

Or. en

Emenda 536
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-iskrinjar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi ffinalizzat fi żmien 45 jum min-notifika ***tal-promotur tal-proġett imsemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10***.	***L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-akkuratezza tad-dikjarazzjoni*** fi żmien 45 jum min-notifika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-promotur ta' proġett jidentifika u jirrapporta kwalunkwe effett ambjentali sinifikanti addizzjonali fin-notifika msemmija fl-Artikolu 10(5), f'konformità mal-prattika eżistenti. Din il-kjarifika tevita duplikazzjoni proċedurali mhux intenzjonata, tnaqqas ir-riskju ta' dewmien fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi, u tiżgura l-koerenza bejn l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10, filwaqt li tippreżerva bis-sħiħ is-setgħa tal-awtorità kompetenti li tirrikjedi Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali meta ġustifikat.

Emenda 537
Bruno Tobback, Yannis Maniatis, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Meta l-proċess ta' skrinjar jidentifika proġett li x'aktarx joħloq effetti avversi sinifikanti mhux previsti kif imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-promotur tal-proġett li l-valutazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu huma meħtieġa u jiżguraw, abbażi tad-data eżistenti, li jiġu applikati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u proporzjonati għal dawn il-proġetti biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikoli 12(1) tad-Direttiva	12. Meta l-proċess ta' skrinjar jidentifika proġett li x'aktarx joħloq effetti avversi sinifikanti mhux previsti kif imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-promotur tal-proġett li l-valutazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu huma meħtieġa u jiżguraw, abbażi tad-data eżistenti, li jiġu applikati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u proporzjonati għal dawn il-proġetti biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikoli 12(1) tad-Direttiva

92/43/KEE u mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE. Meta ma jkunx ***possibli*** li jiġu applikati tali miżuri ta' mitigazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-promoturi tal-proġetti jadottaw miżuri ta' kumpens xierqa biex ***jindirizzaw dawk l-effetti***, li, jekk miżuri ta' kumpens oħrajn ma jkunux disponibbli, jistgħu jieħdu l-forma ta' kumpens monetarju għall-programmi ta' protezzjoni tal-ispeċijiet, sabiex jiġi żgurat jew imtejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet milquta.	92/43/KEE u mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE. Meta ma jkunx ***possibbli*** li jiġu applikati tali miżuri ta' mitigazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-promoturi tal-proġetti jadottaw miżuri ta' kumpens xierqa biex ***jippromwovu eżiti ambjentali mtejba għall-ispeċijiet u għall-ħabitats affettwati***, li, jekk miżuri ta' kumpens oħrajn ma jkunux disponibbli, jistgħu jieħdu l-forma ta' kumpens monetarju għall-programmi ta' protezzjoni tal-ispeċijiet, sabiex jiġi żgurat jew imtejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet milquta.

Or. en

Emenda 538
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. ***Meta jiġi vvalutat*** jekk jeżistux soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament ***għall-finijiet*** tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7), il-punt (d), tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, ***il-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti*** għandha ***tiġi ssodisfata jekk ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti li jkunu kapaċi jilħqu l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni, f'termini tal-iżvilupp tal-istess kapaċità permezz tal-istess teknoloġija fl-istess perjodu ta' żmien jew wieħed simili u mingħajr ma jirriżultaw f'kostijiet ferm ogħla***.	13. ***Il-valutazzjoni ta'*** jekk jeżistux soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament ***skont it-tifsira*** tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7), il-punt (d), tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, għandha ***tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-ibbilanċjar tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali, u għandha ssir abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku u tekniku disponibbli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi tiddefinixxi soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti bħala bażikament proġett identiku li jinsab xi mkien ieħor żviluppat fl-istess perjodu ta' żmien, b'kost komparabbli, il-proposta de facto tħassar waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fid-Direttivi dwar in-natura li jridu jiġu ssodisfati biex proġett ikun jista' jimxi 'l quddiem anke meta jkollu impatti negattivi fuq żona speċjali ta' konservazzjoni, u tikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-QĠUE u l-gwida tal-Kummissjoni (ara pereżempju: (2021/C 437/01).

Emenda 539
Bruno Tobback, Yannis Maniatis, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Meta jiġi vvalutat jekk jeżistux soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7), il-punt (d), tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, il-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti għandha tiġi ssodisfata jekk ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti li jkunu kapaċi jilħqu l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni, f'termini tal-iżvilupp tal-istess kapaċità permezz tal-istess teknoloġija fl-istess perjodu ta' żmien jew wieħed simili u mingħajr ma jirriżultaw f'kostijiet ferm ogħla.	13. Meta jiġi vvalutat jekk jeżistux soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġetti fuq il-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7), il-punt (d), tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, il-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti għandha tiġi ssodisfata jekk ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti li jkunu kapaċi jilħqu l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni, f'termini tal-iżvilupp tal-istess kapaċità permezz tal-istess teknoloġija fl-istess perjodu ta' żmien jew wieħed simili u mingħajr ma jirriżultaw f'kostijiet ***ekonomiċi jew soċjoekonomiċi*** ferm ogħla.

Or. en

Emenda 540
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett, f'każijiet ġustifikati u fejn jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u l-funzjonijiet tas-sit u jikkompromettix l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti l-miżuri ta' kumpens. L-Istati Membri jistgħu jippermettu, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien, skont jekk l-effetti negattivi sinifikanti jkunux mistennija li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju jew twil.	***imħassar***

Or. en

Emenda 541
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament ***għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE***, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod	14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati

parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett***, f'każijiet ġustifikati u fejn jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u l-funzjonijiet tas-sit u jikkompromettix l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti l-miżuri ta' kumpens***. L-Istati Membri jistgħu jippermettu, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien***, skont jekk l-effetti negattivi sinifikanti jkunux mistennija li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju jew twil***.

Membri jistgħu jippermettu, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien.

Or. en

Emenda 542
Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett, f'każijiet ġustifikati u fejn jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u l-funzjonijiet tas-sit u jikkompromettix l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti l-miżuri ta' kumpens. L-Istati Membri ***jistgħu jippermettu***, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien, ***skont jekk l-effetti*** negattivi	14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett, f'każijiet ġustifikati u fejn jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u l-funzjonijiet tas-sit u jikkompromettix l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti l-miżuri ta' kumpens. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw***, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien, ***abbażi tal-evoluzzjoni tal-effetti***

sinifikanti jkunux mistennija ***li jirriżultaw*** fuq terminu qasir, medju jew twil.	negattivi***, kemm*** mistennija ***kif ukoll reali*** fuq terminu qasir, medju jew twil.

Or. en

Emenda 543
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett, ***f'każijiet ġustifikati u*** fejn jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u l-funzjonijiet tas-sit u jikkomprometti l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti l-miżuri ta' kumpens. L-Istati Membri jistgħu jippermettu, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien, skont jekk l-effetti negattivi sinifikanti jkunux mistennija li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju jew twil.	14. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti fil-lista tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' infrastruttura msemmija fil-punti (2), (3) u (4) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett, fejn jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u l-funzjonijiet tas-sit u jikkomprometti l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti l-miżuri ta' kumpens. L-Istati Membri jistgħu jippermettu, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien, skont jekk l-effetti negattivi sinifikanti jkunux mistennija li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju jew twil.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tneħħi r-referenza għal "każijiet ġustifikati", peress li n-nuqqas ta' definizzjoni ċara jista' jwassal għal interpretazzjoni inkonsistenti u dewmien bla bżonn fl-implimentazzjoni tal-proġetti. L-emenda żżomm is-salvagwardji ambjentali filwaqt li

tipprovdi aktar ċarezza legali u flessibbiltà fl-implimentazzjoni għal proġetti infrastrutturali strateġiċi.

Emenda 544
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) timmonitorja l-iżvilupp u d-dewmien tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni fit-territorju tar-responsabbiltà tagħha, inkluż billi tirċievi u tapprova rapporti ppreżentati mill-promoturi tal-proġetti f'konformità mal-Artikolu 5(4) u tirrapporta ***lill-Aġenzija u*** lill-Gruppi rilevanti dwar l-iżvilupp u d-dewmien tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li jinsab fit-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 5(5).	(e) timmonitorja l-iżvilupp u d-dewmien tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni fit-territorju tar-responsabbiltà tagħha, inkluż billi tirċievi u tapprova rapporti ppreżentati mill-promoturi tal-proġetti f'konformità mal-Artikolu 5(4) u tirrapporta lill-Gruppi rilevanti dwar l-iżvilupp u d-dewmien tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li jinsab fit-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 5(5).

Or. fr

Emenda 545
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtorità nazzjonali kompetenti ***tista'*** tistabbilixxi grupp ta' ħidma fejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati jkunu rrappreżentati sabiex ifassal l-iskrinjar jew l-iskeda dettaljata għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'konformità mal-Artikolu 10(9), il-punt (b), u sabiex jimmonitorja u jikkoordina l-implimentazzjoni tagħha;	(ii) l-awtorità nazzjonali kompetenti ***għandha*** tistabbilixxi grupp ta' ħidma fejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati jkunu rrappreżentati sabiex ifassal l-iskrinjar jew l-iskeda dettaljata għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'konformità mal-Artikolu 10(9), il-punt (b), u sabiex jimmonitorja u jikkoordina l-implimentazzjoni tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssaħħaħ il-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti billi tagħmel obbligatorju l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma. Koordinazzjoni amministrattiva mtejba hija essenzjali biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, jitnaqqas id-dewmien u tissaħħaħ il-prevedibbiltà għal proġetti infrastrutturali strateġiċi.

Emenda 546
Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet ikkonċernati l-oħra, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tistabbilixxi fuq bażi ta' każ b'każ terminu raġonevoli li fih għandhom jinħarġu d-deċiżjonijiet individwali bl-għan li timminimizza d-durata tal-proċess mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 10(1) u (2);	(iii) wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet ikkonċernati l-oħra, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tistabbilixxi fuq bażi ta' każ b'każ terminu raġonevoli li fih għandhom jinħarġu d-deċiżjonijiet individwali bl-għan li timminimizza d-durata tal-proċess mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 10(1) u (2)***, filwaqt li jiġi żgurat li tiġi pprovduta parteċipazzjoni pubblika effettiva b'perjodi ta' żmien raġonevoli***;

Or. en

Emenda 547
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c– punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtorità nazzjonali kompetenti ***tista'*** tistabbilixxi grupp ta' ħidma fejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati jkunu rrappreżentati sabiex ifassal l-iskrinjar jew l-iskeda dettaljata għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'konformità mal-Artikolu 10(9), u sabiex jimmonitorja u jikkoordina	(ii) l-awtorità nazzjonali kompetenti ***għandha*** tistabbilixxi grupp ta' ħidma fejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati jkunu rrappreżentati sabiex ifassal l-iskrinjar jew l-iskeda dettaljata għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'konformità mal-Artikolu 10(9), u sabiex jimmonitorja u jikkoordina

l-implimentazzjoni tagħha;	l-implimentazzjoni tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttejjeb l-effiċjenza u l-konsistenza tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi billi tiżgura koordinazzjoni strutturata fost l-awtoritajiet ikkonċernati. Kooperazzjoni amministrattiva mtejba tikkontribwixxi għal skedi ta' żmien ta' implimentazzjoni aktar mgħaġġlin u ċertezza legali akbar għal proġetti ta' infrastruttura ta' importanza strateġika.

Emenda 548
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
v) meta Stat Membru jagħżel l-iskema kollaborattiva, għandu jinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet tiegħu.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 549
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni li jkunu intrinsikament marbuta ma' assi ta' ġenerazzjoni***, bħall-proġetti inklużi fil-kategoriji tal-infrastruttura previsti mill-punti (1)(b) jew (h) tal-Anness II***, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi tal-proġett rispettiv fil-lista tal-Unjoni mal-ħruġ tal-permessi għall-assi ta' ġenerazzjoni sabiex l-iskedi ta' żmien ikunu koeżivi u flimkien jimmiraw li jiksbu l-ħruġ ta' permessi l-	Fil-każ ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni li jkunu intrinsikament marbuta ma' assi ta' ġenerazzjoni, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi tal-proġett rispettiv fil-lista tal-Unjoni mal-ħruġ tal-permessi għall-assi ta' ġenerazzjoni sabiex l-iskedi ta' żmien ikunu koeżivi u flimkien jimmiraw li jiksbu l-ħruġ ta' permessi l-aktar effiċjenti u f'waqtu possibbli għall-assi kollha relatati mal-proġett.

aktar effiċjenti u f'waqtu possibbli għall-assi kollha relatati mal-proġett.

Or. fr

Emenda 550
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett fil-lista tal-Unjoni jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.	Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jipprevedi l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi li jaqsmu fiżikament il-fruntiera ta' mill-inqas Stat Membru ieħor li*** jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The requirement of a single contact point for Union list project spanning multiple MS is appropriate for pysically integrated cross-border infrastructures (e.g. pipelines), as it enables one authority to coordinate inputs and issue a single authorization. However, this approach is not suitable for project with geographically separate components in different MS (e.g. Co2 import and export hubs connected by ships or trucks). These project can be developed and managed independently, often with misaligned timelines, and a single procedure could create unnecessary delays. The ams should therefore clarify that a single contact point applies only where the infrastructure physically crosses or affects the border of multiple MS or third countries.

Emenda 551
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.	Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jipprevedi l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi li jaqsmu fiżikament il-fruntiera ta' mill-inqas Stat Membru ieħor***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.

Or. en

Emenda 552
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti	Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jipprevedi l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi li jaqsmu fiżikament il-fruntiera ta' mill-inqas Stat Membru ieħor***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-

kkonċernati l-oħra.	awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.

Or. en

Emenda 553
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.	Meta proġett fil-lista tal-Unjoni ***jipprevedi l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi li jaqsmu fiżikament il-fruntiera ta' mill-inqas Stat Membru ieħor***, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet komprensivi finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.

Or. en

Emenda 554
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett fil-lista tal-Unjoni jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi	Meta proġett fil-lista tal-Unjoni jkun jinsab fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom għandhom jaħtru b'mod konġunt waħda minnhom biex taġixxi

bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet ***komprensivi*** finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.	bħala punt uniku ta' kuntatt responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet oħra kkonċernati dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll, biex toħroġ id-deċiżjonijiet ***kkoordinati*** finali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li punt uniku ta' kuntatt se jgħin biex jitħaffef il-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'diversi ġuriżdizzjonijiet, għandu jiġi ċċarat li dan jista' joħroġ biss deċiżjoni kkoordinata, iżda mhux deċiżjoni f'isem awtorità ta' ġuriżdizzjoni oħra.

Emenda 555
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu proċedura konġunta li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom ikkonċernati, joħolqu sinerġiji proċedurali u jallinjaw l-iskedi ta' żmien biex jiffaċilitaw il-proċess għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, u l-konsultazzjonijiet pubbliċi meħtieġa skont l-Artikolu 9.	L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu proċedura konġunta li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi tagħhom ikkonċernati***, jiżguraw konsistenza bejn il-prijoritajiet reġjonali u l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni fil-qasam tal-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija***, joħolqu sinerġiji proċedurali u jallinjaw l-iskedi ta' żmien biex jiffaċilitaw il-proċess għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, u l-konsultazzjonijiet pubbliċi meħtieġa skont l-Artikolu 9.

Or. ro

Emenda 556
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq talba mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandu jkollha r-rwol ta' faċilitatur biex tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-ftehim dwar proċedura konġunta unifikata billi tipprovdi opinjoni u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar aspetti proċedurali.	Fuq talba mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandu jkollha r-rwol ta' faċilitatur biex tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-ftehim dwar proċedura konġunta unifikata billi tipprovdi opinjoni u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar aspetti proċedurali. ***Sabiex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza, l-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw skema integrata bis-sħiħ kif imsemmi fil-paragrafu 3(a), li tiżgura deċiżjoni unika legalment vinkolanti għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija.***

Or. en

Emenda 557
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza, l-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw skema integrata bis-sħiħ kif imsemmi fil-paragrafu 3(a), li tiżgura deċiżjoni unika legalment vinkolanti għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija.

Or. en

Emenda 558
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Jorge Martín Frías, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha żżomm il-kontroll finali fuq l-organizzazzjoni, iż-żmien u t-twettiq tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi, kif ukoll fuq l-adozzjoni tad-deċiżjoni globali, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli. Il-kooperazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma jistax ikollha l-effett li tittrasferixxi din il-kompetenza lil awtorità ta' Stat Membru ieħor, lill-Kummissjoni jew lil kwalunkwe korp ieħor tal-Unjoni.

Or. fr

Emenda 559
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-24 ta' Ottubru 2027, l-Istat Membru jew l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, fejn meħtieġ, f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet ikkonċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-proġetti fil-lista tal-Unjoni sabiex tinkludi tal-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda għandu jirreferi d-dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, fejn rilevanti, jikkooperaw u jsibu sinerġiji mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li jallinjaw l-iskedi ta' żmien u jiffaċilitaw il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, inkluż għall-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri.	1. Sal-24 ta' Ottubru 2027, l-Istat Membru jew l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, fejn meħtieġ, f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet ikkonċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-proġetti fil-lista tal-Unjoni sabiex tinkludi tal-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda għandu jirreferi d-dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, fejn rilevanti, jikkooperaw u jsibu sinerġiji mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li jallinjaw l-iskedi ta' żmien u jiffaċilitaw il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, inkluż għall-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri. ***Sal-24 ta' Ottubru 2028, il-Kummissjoni***

Ewropea għandha tippubblika rakkomandazzjoni dwar l-aħjar prattiki fil-ħruġ tal-permessi, ibbażata fuq il-manwali nazzjonali ta' proċedura żviluppati mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew fuq prattiki nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tidentifika l-aħjar prattiki fost il-prattiki nazzjonali biex tappoġġja lill-Istati Membri fit-titjib ulterjuri tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi.

Emenda 560
Andrea Wechsler, Christian Ehler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-24 ta' Ottubru 2027, l-Istat Membru jew l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, fejn meħtieġ, f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet ikkonċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-proġetti fil-lista tal-Unjoni sabiex tinkludi tal-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda għandu jirreferi d-dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, fejn rilevanti, jikkooperaw u jsibu sinerġiji mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li jallinjaw l-iskedi ta' żmien u jiffaċilitaw il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, inkluż għall-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri.	1. Sal-24 ta' Ottubru 2027, l-Istat Membru jew l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, fejn meħtieġ, f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet ikkonċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-proġetti fil-lista tal-Unjoni sabiex tinkludi tal-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda għandu jirreferi d-dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. ***Il-manwal għandu jkun disponibbli permezz ta' portal diġitali uniku jew, meta tali portal ikun għadu ma jeżistix, permezz ta' sit web uniku aċċessibbli għall-pubbliku.*** L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, fejn rilevanti, jikkooperaw u jsibu sinerġiji mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li jallinjaw l-iskedi ta' żmien u jiffaċilitaw il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, inkluż għall-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri.

Or. en

Emenda 561
Andrea Wechsler, Christian Ehler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fi żmien perjodu indikattiv ta' 3 xhur wara l-bidu tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi skont l-Artikolu 10(5), il-promotur tal-proġett għandu jfassal u jippreżenta kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika lill-awtorità nazzjonali kompetenti, billi jsegwi l-proċess deskritt fil-manwal imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u f'konformità mal-linji gwida stabbiliti fl-Anness VI.	***imħassar***

Or. en

Emenda 562
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha titlob emendi jew tapprova l-kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-kunċett, filwaqt li tqis, mingħajr il-ħtieġa ta' ripetizzjoni, kwalunkwe forma ta' parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi li tkun seħħet qabel ma beda l-proċess għall-ħruġ tal-permessi, sakemm tali parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 563
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-promotur ta' proġett ikun beħsiebu jagħmel bidliet sinifikanti f'kunċett approvat għall-parteċipazzjoni pubblika, huwa għandu jinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti b'dan. F'dak il-każ l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' titlob emendi addizzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 564
Andrea Wechsler, Christian Ehler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda fi stadju bikri, qabel ma jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa għall-ħruġ tal-permessi lill-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 565

Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda fi stadju bikri, qabel ma jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa għall-ħruġ tal-permessi lill-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.	5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda fi stadju bikri, qabel ma jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa għall-ħruġ tal-permessi lill-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE***, u għandha titwettaq anke jekk proġett ikun ġie eżentat milli jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali***.

Or. en

Emenda 566
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda fi stadju bikri, qabel ma jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa għall-ħruġ tal-permessi lill-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-	5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda fi stadju bikri, ***mill-inqas tliet xhur*** qabel ma jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa għall-ħruġ tal-permessi lill-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-

Direttiva 2011/92/UE.

Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Emenda 567
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda ***fi stadju bikri,*** qabel ma ***jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa*** għall-ħruġ tal-permessi ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika*** tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE**.**	5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda***. Il-konsultazzjoni pubblika għandha titwettaq*** qabel ma ***tittieħed id-deċiżjoni*** għall-ħruġ tal-permessi ***mill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***u*** tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE

Or. en

Emenda 568
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda ***fi stadju bikri,*** qabel ma ***jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa*** għall-ħruġ tal-permessi ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika*** tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe	5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda***. Il-konsultazzjoni pubblika għandha titwettaq*** qabel ma ***tittieħed id-deċiżjoni*** għall-ħruġ tal-permessi ***mill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***u*** tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara

konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.

l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Emenda 569
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda ***fi stadju bikri,*** qabel ma ***jippreżenta l-applikazzjoni finali u sħiħa*** għall-ħruġ tal-permessi ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***skont l-Artikolu 10(10). Il-konsultazzjoni pubblika*** tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.	5. Meta ma jkunx diġà meħtieġ mid-dritt nazzjonali, il-promotur tal-proġett għandu jwettaq mill-inqas konsultazzjoni pubblika waħda***. Il-konsultazzjoni pubblika għandha titwettaq*** qabel ma ***tittieħed id-deċiżjoni*** għall-ħruġ tal-permessi ***mill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***u*** tista' titwettaq flimkien ma' kwalunkwe konsultazzjoni pubblika wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Co2 transport infrastructure presents distinctive characteristics compared to traditional linear energy assets. In the context of CCS project, the cross-border dimension can be in two different ways: 1) a physically connection between two MS; 2) a non-physical crossborder connection. While physically integrated infrastructures require strong coordination and early public consultation to ensure social acceptance and alignement of permitting timelines, non-physical CCS project involve limited interaction with multiple local territories. In these cases, public engagement should be proportionate to the project's characteristics. However, making early consultation mandatory risk creating inconsistencies with this flexibility and may lead to duplication in MS where national frameworks already ensure effective public agreement, potentially extending permitting timelines without added value.

Emenda 570
Andrea Wechsler, Christian Ehler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-konsultazzjoni pubblika meħtieġa fil-paragrafu preċedenti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness VI u għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati msemmija fil-punt (3)(a) tal-Anness VI dwar il-proġett fi stadju bikri u għandha tgħin biex jiġu identifikati l-aktar post, trajettorja jew teknoloġija xierqa, inkluż, fejn rilevanti, fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet adegwati ta' adattament għat-tibdil fil-klima u sigurtà għall-proġett, l-impatti rilevanti kollha skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali rilevanti, u l-kwistjonijiet rilevanti li għandhom jiġu indirizzati fil-fajl tal-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 571
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-konsultazzjoni pubblika meħtieġa fil-paragrafu preċedenti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness VI u għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati msemmija fil-punt (3)(a) tal-Anness VI dwar il-proġett fi stadju bikri u għandha tgħin biex jiġu identifikati l-aktar post, trajettorja jew teknoloġija xierqa, inkluż, fejn rilevanti, fid-dawl ta'	6. Il-konsultazzjoni pubblika meħtieġa fil-paragrafu preċedenti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness VI u għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati msemmija fil-punt (3)(a) tal-Anness VI dwar il-proġett fi stadju bikri u għandha tgħin biex jiġu identifikati ***alternattivi,*** l-aktar post, trajettorja jew teknoloġija xierqa, inkluż, fejn rilevanti, fid-dawl ta'

kunsiderazzjonijiet adegwati ta' adattament għat-tibdil fil-klima u sigurtà għall-proġett, l-impatti rilevanti kollha skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali rilevanti, u l-kwistjonijiet rilevanti li għandhom jiġu indirizzati fil-fajl tal-applikazzjoni.	kunsiderazzjonijiet adegwati ***ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u*** ta' adattament għat-tibdil fil-klima u sigurtà għall-proġett, l-impatti rilevanti kollha skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali rilevanti, u l-kwistjonijiet rilevanti li għandhom jiġu indirizzati fil-fajl tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 572
Andrea Wechsler, Christian Ehler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali u ta' trasparenza fl-Istati Membri, il-promoturi tal-proġetti għandhom jippubblikaw fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 10 rapport li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tal-proġett inkluż kwalunkwe attività li tkun saret qabel il-konsultazzjoni pubblika bikrija, u li jispjega kif tqiesu l-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjonijiet pubbliċi, juri l-emendi magħmula fil-post, fit-trajettorja u fid-disinn tal-proġett, jew jipprovdi raġunijiet għaliex dawn l-opinjonijiet ma ġewx ikkunsidrati.	***imħassar***
Il-promotur tal-proġett għandu jippreżenta r-rapport flimkien mal-fajl tal-applikazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tqis kif xieraq ir-riżultat ta' dan ir-rapport.	

Or. en

Emenda 573

Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-promotur tal-proġett għandu jippreżenta r-rapport flimkien mal-fajl tal-applikazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tqis kif xieraq ir-riżultat ta' dan ir-rapport.	Il-promotur tal-proġett għandu jippreżenta r-rapport flimkien mal-fajl tal-applikazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tqis kif xieraq ir-riżultat ta' dan ir-rapport ***u l-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjonijiet pubbliċi***.

Or. en

Emenda 574
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Għal proġetti transfruntieri li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, il-konsultazzjonijiet pubbliċi mwettqa skont il-paragrafu 5 f'kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandhom, sa fejn ikun possibbli, isiru f'perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn minn xulxin, u, fejn possibbli, jiġu kkombinati.	8. Għal proġetti transfruntieri li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, il-konsultazzjonijiet pubbliċi mwettqa skont il-paragrafu 5 f'kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandhom, sa fejn ikun possibbli, isiru f'perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn minn xulxin, u, fejn possibbli, jiġu kkombinati***, u l-konklużjonijiet jiġu tradotti fil-lingwi ta' kull Stat Membru sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku fl-Istati l-oħra għall-konsultazzjonijiet fil-pajjiżi ġirien***.

Or. ro

Emenda 575
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-promotur tal-proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 26 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw it-twettiq ta' dan l-obbligu mill-promoturi tal-proġett u jieħdu miżuri li jiżguraw il-konformità fejn meħtieġ.	10. Il-promotur tal-proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 26 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. ***L-informazzjoni rilevanti msemmija hawn fuq trid tinkludi l-kost aġġornat totali tal-proġett, il-benefiċjarji, l-impatti tarrifarji possibbli fuq il-konsumatur, il-parti ffinanzjata minn fondi pubbliċi, kif ukoll l-investituri privati possibbli.*** L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw it-twettiq ta' dan l-obbligu mill-promoturi tal-proġett u jieħdu miżuri li jiżguraw il-konformità fejn meħtieġ.

Or. fr

Emenda 576
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-promotur tal-proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 26 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw it-twettiq ta' dan l-	10. Il-promotur tal-proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 26 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. ***Informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi ttrattata bħala***

obbligu mill-promoturi tal-proġett u jieħdu miżuri li jiżguraw il-konformità fejn meħtieġ.	***kunfidenzjali.*** L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivverifikaw it-twettiq ta' dan l-obbligu mill-promoturi tal-proġett u jieħdu miżuri li jiżguraw il-konformità fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 577
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proċedura fakultattiva ta' qabel l-applikazzjoni, li tkopri l-perjodu bejn il-bidu tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi u l-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni komplut ippreżentat min-naħa tal-awtorità nazzjonali kompetenti, li għandha sseħħ fi żmien perjodu indikattiv ta' ***24*** xahar;	(a) il-proċedura fakultattiva ta' qabel l-applikazzjoni, li tkopri l-perjodu bejn il-bidu tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi u l-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni komplut ippreżentat min-naħa tal-awtorità nazzjonali kompetenti, li għandha sseħħ fi żmien perjodu indikattiv ta' ***18-il*** xahar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa skedi ta' żmien iqsar u proċeduri aktar mgħaġġlin għall-ħruġ tal-permessi biex jittejbu l-prevedibbiltà, iċ-ċertezza tal-investiment, jiġi aċċelerat il-varar tal-infrastruttura u jissaħħaħ it-twettiq f'waqtu ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sigurtà tal-enerġija u tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 578
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) il-proċedura statutorja obbligatorja għall-ħruġ tal-permessi, li tkopri l-perjodu mid-data tal-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni komplut ippreżentat sad-data tad-deċiżjoni komprensiva, li ma għandhiex taqbeż ***it-18-il*** xahar.	(b) il-proċedura statutorja obbligatorja għall-ħruġ tal-permessi, li tkopri l-perjodu mid-data tal-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni komplut ippreżentat sad-data tad-deċiżjoni komprensiva, li ma għandhiex taqbeż ***it-12-il*** xahar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa skedi ta' żmien iqsar u proċeduri aktar mgħaġġlin għall-ħruġ tal-permessi biex jittejbu l-prevedibbiltà, iċ-ċertezza tal-investiment, jiġi aċċelerat il-varar tal-infrastruttura u jissaħħaħ it-twettiq f'waqtu ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sigurtà tal-enerġija u tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 579
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta possibbli, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu proċedura statutorja għall-ħruġ tal-permessi li tkun iqsar minn ***18-il*** xahar.	Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta possibbli, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu proċedura statutorja għall-ħruġ tal-permessi li tkun iqsar minn ***12-il*** xahar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa skedi ta' żmien iqsar u proċeduri aktar mgħaġġlin għall-ħruġ tal-permessi biex jittejbu l-prevedibbiltà, iċ-ċertezza tal-investiment, jiġi aċċelerat il-varar tal-infrastruttura u jissaħħaħ it-twettiq f'waqtu ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sigurtà tal-enerġija u tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 580
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li d-durata totali taż-żewġ proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ma taqbiżx perjodu ta' ***42*** xahar.	L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li d-durata totali taż-żewġ proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ma taqbiżx perjodu ta' ***36*** xahar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa skedi ta' żmien iqsar u proċeduri aktar mgħaġġlin għall-ħruġ tal-permessi biex jittejbu l-prevedibbiltà, iċ-ċertezza tal-investiment, jiġi aċċelerat il-varar tal-infrastruttura u jissaħħaħ it-twettiq f'waqtu ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sigurtà tal-enerġija u tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 581
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tqis li waħda mill-proċeduri jew it-tnejn li huma ma jkunux se jitlestew fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista' testendi wieħed minn dawk il-limiti ta' żmien jew it-tnejn li huma, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ. L-awtorità nazzjonali kompetenti ma għandhiex testendi d-durata kkombinata taż-żewġ proċeduri għal aktar minn ***sitt*** xhur ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.	Madankollu, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tqis li waħda mill-proċeduri jew it-tnejn li huma ma jkunux se jitlestew fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista' testendi wieħed minn dawk il-limiti ta' żmien jew it-tnejn li huma, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ. L-awtorità nazzjonali kompetenti ma għandhiex testendi d-durata kkombinata taż-żewġ proċeduri għal aktar minn ***disa'*** xhur ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Or. en

Emenda 582
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tqis li waħda mill-proċeduri jew it-tnejn li huma ma jkunux se jitlestew fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista' testendi wieħed minn dawk il-limiti ta' żmien jew it-tnejn li huma, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ. L-awtorità nazzjonali kompetenti ma għandhiex testendi d-durata kkombinata taż-żewġ proċeduri għal aktar minn ***sitt*** xhur ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.	Madankollu, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tqis li waħda mill-proċeduri jew it-tnejn li huma ma jkunux se jitlestew fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista' testendi wieħed minn dawk il-limiti ta' żmien jew it-tnejn li huma, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ. L-awtorità nazzjonali kompetenti ma għandhiex testendi d-durata kkombinata taż-żewġ proċeduri għal aktar minn ***disa'*** xhur ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalhekk, iż-żamma ta' perjodu ta' estensjoni massimu itwal iżżid il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza tal-investiment, u tippermetti li l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi titlesta fi proċess kontinwu uniku. Dan jappoġġja t-twassil f'waqtu tal-infrastruttura filwaqt li jippreżerva n-natura eċċezzjonali tal-estensjonijiet u l-obbligu għall-awtorità kompetenti li tiġġustifika u tikkomunika kif xieraq l-użu tagħhom.

Emenda 583
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 2 ikun ifisser li d-deċiżjoni komprensiva hija ***approvata***;	(a) in-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 2 ikun ifisser li d-deċiżjoni komprensiva hija ***rrifjutata***;

Or. fr

Emenda 584
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-nuqqas ta' tweġiba minn awtoritajiet oħra kkonċernati fil-limitu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn awtorità nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 8(3), ikun ifisser li l-opinjoni speċifika, l-awtorizzazzjoni jew il-permess tagħha jkun ***ingħata jew*** ġie ***mwieġeb b'mod pożittiv***.	(b) in-nuqqas ta' tweġiba minn awtoritajiet oħra kkonċernati fil-limitu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn awtorità nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 8(3), ikun ifisser li l-opinjoni speċifika, l-awtorizzazzjoni jew il-permess tagħha jkun ġie ***rrifjutat***.

Or. fr

Emenda 585
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma joħloqx effetti għad-deċiżjonijiet ambjentali, u meta l-prinċipju tal-approvazzjoni taċita amministrattiva ma jeżistix fis-sistema legali tal-Istat Membru kkonċernat.	Dan il-paragrafu ma joħloqx effetti għad-deċiżjonijiet ambjentali, u meta l-prinċipju tal-approvazzjoni taċita amministrattiva ma jeżistix fis-sistema legali tal-Istat Membru kkonċernat. ***Il-prinċipju ta' approvazzjoni taċita għandu jiġi estiż biex japplika għall-valutazzjonijiet ambjentali u d-deċiżjonijiet amministrattivi finali meta previst mid-dritt nazzjonali, biex jiġi żgurat li l-iskadenzi stretti stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu rispettati.***

Or. en

Emenda 586
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma joħloqx effetti għad-deċiżjonijiet ambjentali, u meta l-prinċipju tal-approvazzjoni taċita amministrattiva ma jeżistix fis-sistema legali tal-Istat Membru kkonċernat.	Dan il-paragrafu ma joħloqx effetti għad-deċiżjonijiet ambjentali, u meta l-prinċipju tal-approvazzjoni taċita amministrattiva ma jeżistix fis-sistema legali tal-Istat Membru kkonċernat. ***Il-prinċipju ta' approvazzjoni taċita għandu jiġi estiż biex japplika għall-valutazzjonijiet ambjentali u d-deċiżjonijiet amministrattivi finali meta previst mid-dritt nazzjonali, biex jiġi żgurat li l-iskadenzi stretti stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu rispettati.***

Or. en

Emenda 587
András Gyürk

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu, fl-iskrinjar għall-istabbiliment tar-rekwiżiti għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kwalunkwe studju mwettaq u permess jew awtorizzazzjoni maħruġa sa 5 snin qabel ma l-proġett ikun daħal fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'konformità ma' dan l-Artikolu, inkluż valutazzjonijiet imwettqa għall-varar ta' proġetti oħra li jkunu rilevanti u li jistgħu jerġgħu jintużaw, u ma għandhomx jirrikjedu studji, valutazzjonijiet, permessi jew awtorizzazzjonijiet mhux meħtieġa jew duplikati.	7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu, fl-iskrinjar għall-istabbiliment tar-rekwiżiti għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kwalunkwe studju mwettaq u permess jew awtorizzazzjoni maħruġa sa 5 snin qabel ma l-proġett ikun daħal fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi***, dment li d-data użata matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt tkopri mill-inqas sena sħiħa,*** f'konformità ma' dan l-Artikolu, inkluż valutazzjonijiet imwettqa għall-varar ta' proġetti oħra li jkunu rilevanti u li jistgħu jerġgħu jintużaw, u ma għandhomx jirrikjedu studji, valutazzjonijiet, permessi jew awtorizzazzjonijiet mhux meħtieġa jew duplikati.

Or. en

Emenda 588
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu, fl-iskrinjar għall-istabbiliment tar-rekwiżiti għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kwalunkwe studju mwettaq u permess jew awtorizzazzjoni ***maħruġa sa 5 snin qabel ma l-proġett ikun daħal fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'konformità ma' dan l-Artikolu***, inkluż valutazzjonijiet imwettqa għall-varar ta' proġetti oħra li jkunu rilevanti u li jistgħu jerġgħu jintużaw, u ma għandhomx jirrikjedu studji, valutazzjonijiet, permessi jew awtorizzazzjonijiet mhux meħtieġa jew duplikati.	7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu, fl-iskrinjar għall-istabbiliment tar-rekwiżiti għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi, kwalunkwe studju mwettaq u permess jew awtorizzazzjoni, inkluż valutazzjonijiet imwettqa għall-varar ta' proġetti oħra li jkunu rilevanti u li jistgħu jerġgħu jintużaw, u ma għandhomx jirrikjedu studji, valutazzjonijiet, permessi jew awtorizzazzjonijiet mhux meħtieġa jew duplikati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The removal of the five-year time limit is intended to ensure a more proportionate and efficient application of the principle of reusing existing studies, permits and assessments. The relevance and usability of previous studies depend on their technical validity and on the absence of substantial changes in the regulatory or environmental context, rather than on a rigid temporal criterion. Maintaining an automatic five-year limit may result in the unnecessary duplication of analyses that remain valid and technically up to date, thereby creating unjustified administrative burdens and delays.

Emenda 589
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11

Pjanifikatur Indipendenti tas-Sistema Ewropea

1. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ] il-Kummissjoni għandha twaqqaf Pjanifikatur Indipendenti tas-Sistema Ewropea (il-"Pjanifikatur") bħala korp permanenti u indipendenti li għandu jiġi stabbilit skont dan l-Artikolu.

2. Il-Pjanifikatur għandu jaġixxi b'mod indipendenti, oġġettiv u fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jiżgura l-ilħuq sħiħ tal-miri tal-klima u tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 u l-2040 u tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050.

3. Il-bord tat-tmexxija tal-Pjanifikatur għandu jinkludi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Parlament, tal-Istati Membri, tal-Aġenzija u tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima. Ir-rappreżentanza għandha tkun ibbilanċjata u l-parteċipanti għandu jkollhom drittijiet indaqs fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-bord tat-tmexxija għandu japprova x-xenarji ċentrali msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, qabel ma jibagħtu lill-Kummissjoni.

4.Il-kompiti tal-Pjanifikatur għandhom ikunu li:

(a) jiġbor u jaggrega data mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, mill-operaturi tas-sistema u minn partijiet ikkonċernati oħra biex ifassal ix-xenarji ċentrali u l-metodoloġija sottostanti tiegħu msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

(b) jiżviluppa r-rapport tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament;

(c) jiġi kkonsultat dwar l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament;

	(d) jikkontribwixxi, permezz tar-rappreżentanti tiegħu, għat-tfassil ta' listi reġjonali ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku, u jipprovdi opinjoni dwar l-abbozz tal-lista tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	5. Fit-twettiq tal-kompiti definiti fil-paragrafu 4, il-Pjanifikatur għandu jieħu deċiżjonijiet awtonomi, indipendentement mill-interessi privati u korporattivi.
	6. Il-Pjanifikatur għandu jiżgura li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw informazzjoni oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli faċilment fir-rigward tal-ħidma tiegħu.

Or. en

Emenda 590
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. fr

Emenda 591
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Xenarju ċentrali għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network	***Xenarji*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network ***u għal-Lista tal-Unjoni***

Or. en

Emenda 592
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Xenarju ċentrali għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network	***Xenarji*** ċentrali għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżerċizzju tax-xenarju ċentrali għandu jinkludi xenarju ta' referenza u mill-inqas żewġ varjazzjonijiet (ix-"Xenarju tal-NECP" u x-"Xenarju ta' tendenzi u projezzjonijiet").

Emenda 593
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Xenarju ***ċentrali għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network***	Xenarju ***strateġiku tal-Unjoni***

Or. en

Emenda 594
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Xenarju ċentrali għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network	***Xenarji*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network

Or. en

Emenda 595
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Xenarju ċentrali għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network	***Xenarji*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network

Or. en

Emenda 596
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull ***4 snin*** wara dan, ***il-Kummissjoni għandha tiżviluppa*** xenarju ċentrali għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass ***li*** għandu jintuża għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 ***u l-Artikolu*** 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789***, il-proċess*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***msemmi*** fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament***,*** l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament***, u*** l-allokazzjoni	1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull ***sentejn*** wara dan, ***in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO għall-Elettriku), in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSO għall-Gass) u n-Network Ewropew tal-Operaturi ta' Network għall-Idroġenu (ENNOH) għandhom jiżviluppaw*** xenarju ċentrali għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass***.***

transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

L-ACER, wara li tkun wettqet proċess estensiv ta' konsultazzjoni li jinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità tal-UE għad-DSO u mill-inqas lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu, tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-qbid u tal-ħżin tal-karbonju u lill-partijiet ikkonċernati tal-qbid u tal-użu tal-karbonju, lill-aggregaturi indipendenti, lill-operaturi tar-rispons tad-domanda, lill-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, għandha tippreżenta linji gwida qafas aġġornati għax-xenarji konġunti li għandhom jiġu żviluppati mill-ENTSO għall-Elettriku, mill-ENTSO għall-Gass u mill-ENNOH lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-abbozz tal-linji gwida qafas jew titlob emendi fi żmien xahar, f'liema każ l-ACER għandha tippreżenta verżjoni emendata lill-Kummissjoni fi żmien xahar. Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-ACER għandha tippubblika l-linji gwida qafas.

Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati regolarment kull meta meħtieġ u mill-inqas kull 4 snin.

Dan ix-xenarju ċentrali għandu jintuża għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi:

i. L-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943***;***

ii. L-Artikoli 32 u 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789***;***

iii. il-proċessi ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***u ta' valutazzjoni tas-sistema msemmija*** fl-Artikolu 12 ta'

dan ir-Regolament***;***

iv. l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament***;***

v. l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Kummissjoni Ewropea. Fi żmien tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz tax-xenarju ċentrali, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Grupp TEN-E, il-Kummissjoni Ewropea għandha tapprova l-abbozz tax-xenarju ċentrali ta' ppjanar jew titlob lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENTSO għall-Gass u lill-ENNOH biex jemendah. L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet li jispjegaw kif kwalunkwe talba għal emendi mill-Kummissjoni tkun ġiet indirizzata. Kwalunkwe emenda għandha tirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.

Or. en

Emenda 597
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u ***mill-inqas*** kull ***4 snin*** wara dan, ***il-Kummissjoni għandha tiżviluppa*** xenarju ċentrali għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass ***li*** għandu jintuża għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u ***l-Artikolu*** 59 tar-Regolament	1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u kull ***sentejn*** wara dan, ***in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO għall-Elettriku), in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSO għall-Gass) u n-Network Ewropew tal-Operaturi ta' Network għall-Idroġenu (ENNOH) għandhom***

(UE) 2024/1789, ***il-proċess*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***msemmi*** fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, ***u*** l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

jiżviluppaw xenarju ċentrali għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass***.***

L-ACER, wara li tkun wettqet proċess estensiv ta' konsultazzjoni li jinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità tal-UE għad-DSO u mill-inqas lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu, tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-qbid u tal-ħżin tal-karbonju u lill-partijiet ikkonċernati tal-qbid u tal-użu tal-karbonju, lill-aggregaturi indipendenti, lill-operaturi tar-rispons tad-domanda, lill-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, għandha tippreżenta linji gwida qafas aġġornati għax-xenarji konġunti li għandhom jiġu żviluppati mill-ENTSO għall-Elettriku, mill-ENTSO għall-Gass u mill-ENNOH lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-abbozz tal-linji gwida qafas jew titlob emendi fi żmien xahar, f'liema każ l-ACER għandha tippreżenta verżjoni emendata lill-Kummissjoni fi żmien xahar. Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-ACER għandha tippubblika l-linji gwida qafas. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati regolarment kull meta meħtieġ u mill-inqas kull 4 snin.

Dan ix-xenarju ċentrali għandu jintuża għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u ***l-Artikoli 32 u*** 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, ***il-proċessi***

ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***u ta' valutazzjoni tas-sistema msemmija*** fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament. ***L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Kummissjoni Ewropea. Fi żmien tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz tax-xenarju ċentrali, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Grupp TEN-E, il-Kummissjoni Ewropea għandha tapprova l-abbozz tax-xenarju ċentrali ta' ppjanar jew titlob lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENTSO għall-Gass u lill-ENNOH biex jemendah. L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet li jispjegaw kif kwalunkwe talba għal emendi mill-Kummissjoni tkun ġiet indirizzata. Kwalunkwe emenda għandha tirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.***

Or. en

Emenda 598
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u ***mill-inqas*** kull ***4 snin*** wara dan, ***il-Kummissjoni għandha tiżviluppa*** xenarju ċentrali għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass ***li*** għandu jintuża għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE)	1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u kull ***sentejn*** wara dan, ***in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO għall-Elettriku), in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSO għall-Gass) u n-Network Ewropew tal-Operaturi ta' Network għall-***

2019/943 u ***l-Artikolu*** 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, ***il-proċess*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***msemmi*** fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

Idroġenu (ENNOH) f'konsultazzjoni mal-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), għandhom jiżviluppaw xenarju ċentrali għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass***.***

L-ACER, wara li tkun wettqet proċess estensiv ta' konsultazzjoni li jinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità tal-UE għad-DSO u mill-inqas lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet involuti fis-swieq tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu, tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-qbid u tal-ħżin tal-karbonju u lill-partijiet ikkonċernati tal-qbid u tal-użu tal-karbonju, lill-aggregaturi indipendenti, lill-operaturi tar-rispons tad-domanda, lill-organizzazzjonijiet involuti fis-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi tal-enerġija u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, għandha tippreżenta linji gwida qafas aġġornati għal xenarju ċentrali li għandu jiġi żviluppat mill-ENTSO għall-Elettriku, mill-ENTSO għall-Gass u mill-ENNOH u f'konsultazzjoni mal-UE għad-DSO lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-abbozz tal-linji gwida qafas jew titlob emendi fi żmien xahar, f'liema każ l-ACER għandha tippreżenta verżjoni emendata lill-Kummissjoni fi żmien xahar. Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-ACER għandha tippubblika l-linji gwida qafas.

Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati regolarment kull meta meħtieġ u mill-inqas kull 4 snin.

Ix-xenarju ċentrali għandu jintuża għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi:

	l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u ***l-Artikoli 32 u*** 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, ***il-proċessi*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***u ta' valutazzjoni tas-sistema msemmija*** fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Strengthening the Commission's role in creating a central scenario and a gap-filling mechanism may limit the influence of national regulators and operators on planning network development in the national electricity system, including by imposing top-down solutions preferred by the Commission. Such process would overlook the local needs in network development plans, and decrease role of NRAs and system operators having the best knowledge of network planning assumptions. MS must retain political decision-making, TSOs provide technical expertise and EC ensure coordination within TEN-E groups.

Emenda 599
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull 4 snin wara dan, ***il-Kummissjoni għandha tiżviluppa xenarju ċentrali*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass li ***għandu jintuża*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-	1. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika linji gwida għat-tħejjija tax-Xenarji Ewropej. Għat-tħejjija ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENTSO għall-Gass u lill-ENNOH.***

enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta’ dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta’ dan ir-Regolament.	
	Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull 4 snin wara dan, ***l-ENTSO-E, l-ENTSO-G u l-ENNOH f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri għandhom jiżviluppaw xenarji*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass li ***għandhom jintużaw*** għall-pjanijiet ta’ 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ta’ identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta’ dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta’ dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta’ dan ir-Regolament.
	L-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni għandu jkollhom id-dritt li jirriżaminaw, japprovaw u jitolbu emendi għad-data tal-input, is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-parametri ta’ mmudellar f’tali xenarji. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-iżvilupp ta’ tali xenarji jqis kif xieraq il-prijoritajiet nazzjonali tal-politika tal-enerġija, il-fattibbiltà teknika, u l-ħtieġa ta’ flessibbiltà biex jiġu riflessi ċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-isfidi emerġenti.
	Or. en

Emenda 600
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull 4 snin wara dan, ***il-Kummissjoni għandha tiżviluppa xenarju ċentrali*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass li ***għandu jintuża*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu ***59*** tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.	1. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha, fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament, tippubblika linji gwida għat-tħejjija ta' xenarji Ewropej. Għat-tħejjija ta' tali linji gwida, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonsulta lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass kif ukoll lill-Istati Membri.*** Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull 4 snin wara dan, ***l-ENTSO-E u l-ENTSO-G għandhom jiżviluppaw, f'kooperazzjoni mal-ENNOH, diversi xenarji (mill-inqas tlieta)*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass li ***għandhom jintużaw*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu ***60*** tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 601
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ]*** u ***mill-inqas*** kull ***4 snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa xenarju ***ċentrali*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass li ***għandu jintuża***	1. ***Mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2029*** u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa xenarju ***ewlieni u mill-inqas żewġ xenarji ta' varjazzjoni*** għas-setturi tal-elettriku, tal-

għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

idroġenu u tal-gass li ***għandhom jintużaw għall-istabbiliment tal-lista tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3 u*** għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament. ***Għandhom jiġu żviluppati mill-inqas xenarju ewlieni u żewġ xenarji addizzjonali. Ix-xenarji għandhom jissostitwixxu x-xenarji żviluppati skont ir-Regolament (UE) 2022/869 mill-ENTSO-E u mill-ENTSO-G għall-proċess tat-TYNDP.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma proposti aġġornamenti aktar frekwenti tax-xenarji biex jirrispondu għall-iżviluppi tas-suq u tal-politika fil-livell Ewropew u nazzjonali. L-introduzzjoni ta' xenarji addizzjonali obbligatorji u analiżijiet tas-sensittività għal strument aktar robust għall-ippjanar tal-infrastruttura.

Emenda 602
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull ***4 snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa xenarju ***ċentrali*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass ***li għandu jintuża***	1. Sa [***tliet snin*** wara d-dħul fis-seħħ] u mill-inqas kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENTSO għall-Elettriku, mal-ENNOH, mal-ENTSO għall-Gass, mal-***

għall-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmija fi: l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1789, il-proċess ***ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema kollha tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament***.

Aġenzija u mal-Istati Membri għandha tiżviluppa xenarju ***strateġiku tal-Unjoni*** għas-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass ***u għat-trasport u l-ħżin tas-CO_2. Il-Kummissjoni għandha tmexxi u tikkoordina dak*** il-proċess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Close cooperation with ENTSO for Electricity, ENNOH, ENTSO for Gas, the Agency and Member States ensures that the scenario is based on technical expertise and system realities and aligned with the Union's energy and climate objectives. Early and continuous involvement of all relevant actors throughout the process is necessary to ensure a more coordinated, realistic and implementable development of the scenario across the interconnected energy systems. A coordinating role for the Commission is necessary to ensure consistent Union-wide infrastructure planning across the electricity, hydrogen, gas and CO2 sectors.

Emenda 603
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
This amendment strengthens the governance and coordination of the Union strategic scenario development process by ensuring structured cooperation between the Commission, Member States, regulatory authorities and relevant energy sector actors. It also introduces the possibility to consult large electricity users in order to improve the accuracy of long-term electricity demand projections, particularly in view of industrial electrification, strategic investments and emerging energy-intensive projects. This would support more reliable infrastructure planning, earlier identification of future network needs and better alignment between energy infrastructure development and industrial policy objectives.

Emenda 690
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.	4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra***, inklużi organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-impriżi, b'mod partikolari lill-konsumaturi finali, attivi fis-setturi tal-elettriku, tal-gass naturali, tal-idroġenu, tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-qbid u tal-ħżin tal-karbonju, u tal-qbid u tal-użu tal-karbonju*** dwar id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Emenda 691
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali***, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass,*** lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar ***id-data miġbura għall-fini*** tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.	4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar ***l-abbozz*** tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Emenda 692
Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data	4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri***, lill-Grupp TEN-E*** kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar

miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.	id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Emenda 693
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar ***id-data miġbura għall-fini*** tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.	4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar ***l-abbozz*** tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ċentrali, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Emenda 694
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-	4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-

Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ***ċentrali***, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.	Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-bidliet għall-Artikolu 11, il-paragrafu 1.

Emenda 695
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta*** lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data ***miġbura*** għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp ***tax-xenarju*** ċentrali***, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp tax-xenarju ċentrali***.	4. ***Il-Pjanifikatur għandu jikkonsulta*** lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri***, lill-Kummissjoni, lill-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati,*** kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data ***u s-suppożizzjonijiet użati*** għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp ***tax-xenarji*** ċentrali.

Or. en

Emenda 696

András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju ***ċentrali***, inkluż is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp ***tax-xenarju ċentrali***.	4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-ENNOH, lill-ENTSO għall-Gass, lill-entità Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea (Entità tal-UE għad-DSO), lill-Istati Membri kif ukoll lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar id-data miġbura għall-fini tal-proċess tal-iżvilupp tax-xenarju, inklużi s-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom fl-iżvilupp ***tax-xenarji***.

Or. en

Emenda 697
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ESABCC jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jippreżenta opinjoni dwar il-konsistenza tal-abbozzi tax-xenarji ċentrali u tas-suppożizzjonijiet sottostanti tagħhom mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119. Meta disponibbli, dik l-opinjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku flimkien mal-abbozzi tax-xenarji ċentrali. Meta jiġu adottati x-xenarji ċentrali, għandha tiġi ppubblikata dikjarazzjoni li tistabbilixxi kif dik l-opinjoni tqieset jew, meta xieraq, ir-

raġunijiet għaliex ma tqisitx.

Or. en

Emenda 698
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-data kollha tal-input użata fix-xenarju u fis-sensittivitajiet kif ukoll id-data kollha tal-output għandha tiġi ppubblikata aggregata fil-livell tal-Istati Membri, taż-żoni tal-offerti jew taż-żoni ta' kontroll b'liċenzja tad-data miftuħa, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Id-data għandha tkun iddokumentata u fformalizzata biżżejjed biex tippermetti r-replikazzjoni minn parti terza tal-iżvilupp tax-xenarju. Id-data tal-input għandha tinkludi mill-inqas il-potenzjali u l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni, il-kapaċitajiet tal-ħżin, il-kapaċitajiet transfruntieri, is-serje kronoloġika għad-domanda u l-ġenerazzjoni rinnovabbli għal mill-inqas riżoluzzjoni kull siegħa għal diversi snin tat-temp, is-suppożizzjonijiet tat-teknoloġija (effiċjenzi, kostijiet), l-iskedi tal-manutenzjoni u tal-indisponibilità, is-suppożizzjonijiet tal-akkoppjament tas-setturi, is-sena tal-munita użata, ir-rata ta' skont soċjali u d-data dwar pajjiżi mhux tal-UE inklużi fl-analiżijiet.

Or. en

Emenda 699
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fil-proċess ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe xenarju alternattiv żviluppat minn partijiet terzi, dment li dan jiġi ddokumentat f'livell sufiċjenti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' konsultazzjoni li jiġbor fil-qosor il-kontributi u x-xenarji alternattivi potenzjali riċevuti u li jispjega kif dawn tqiesu jew, meta rilevanti, għaliex ma tqisux.

Or. en

Emenda 700
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Grupp TEN-E u l-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati għandhom jirċievu aġġornamenti mill-Pjanifikatur matul l-iżvilupp tax-xenarji ċentrali dwar kif il-kummenti tagħhom qed jitqiesu.

Or. en

Emenda 701
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Id-data kollha tal-input użata fix-xenarji kif ukoll id-data kollha tal-output għandha tiġi ppubblikata aggregata fil-livell tal-Istati Membri, taż-żoni tal-offerti, taż-żoni ta' kontroll jew ekwivalenti għal NUTS1/2 b'liċenzja tad-data miftuħa, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku.
	Id-data għandha tiġi ddokumentata u mqassma f'verżjonijiet b'mod suffiċjenti b'tali mod li kwalunkwe parti terza tkun tista' tirreplika l-iżvilupp tax-xenarju. Il-mudelli tal-kodiċi tas-sors u tal-libreriji kollha użati għall-iżvilupp tax-xenarji għandhom jiġu ppubblikati b'liċenzja ta' software miftuħ. L-ewwel verżjoni tad-data u tal-kodiċi għandha tiġi ppubblikata mill-inqas sitt xhur qabel ma jiġu ffinalizzati x-xenarji, sabiex il-partijiet terzi jingħataw żmien biex jirrieżaminaw id-data u jikkalkulaw xenarji alternattivi.
	Id-data tal-input għandha tinkludi l-potenzjali u l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni, il-kapaċitajiet tal-ħżin, il-kapaċitajiet transfruntieri, is-serje kronoloġika għad-domanda u l-ġenerazzjoni rinnovabbli għal mill-inqas riżoluzzjoni kull siegħa għal diversi snin tat-temp, is-suppożizzjonijiet tat-teknoloġija (effiċjenzi, kostijiet), l-iskedi tal-manutenzjoni u tal-indisponibbiltà, is-suppożizzjonijiet tal-akkoppjament tas-setturi, is-sena tal-munita użata, ir-rata ta' skont soċjali u d-data dwar pajjiżi terzi inklużi fl-analiżi.
	Or. en

Emenda 702
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Id-data kollha tal-input użata fix-xenarji kif ukoll id-data kollha tal-output għandha tiġi ppubblikata aggregata fil-livell tal-Istati Membri, taż-żoni tal-offerti, taż-żoni ta' kontroll jew ekwivalenti għal NUTS1/2 b'liċenzja tad-data miftuħa, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Id-data għandha tiġi ddokumentata u mqassma f'verżjonijiet b'mod suffiċjenti biex tippermetti lil kwalunkwe parti terza tirreplika l-iżvilupp tax-xenarju. Il-mudell tal-kodiċi tas-sors u tal-libreriji kollha użati għall-iżvilupp tax-xenarji għandhom jiġu ppubblikati bl-użu ta' liċenzja ta' software miftuħ. L-ewwel verżjoni tad-data u tal-kodiċi għandha tiġi ppubblikata mill-inqas sitt xhur qabel ma jiġu ffinalizzati x-xenarji. Id-data tal-input għandha tinkludi l-potenzjali u l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni, il-kapaċitajiet tal-ħżin, il-kapaċitajiet transfruntieri, is-serje kronoloġika għad-domanda u l-ġenerazzjoni rinnovabbli għal mill-inqas riżoluzzjoni kull siegħa għal diversi snin tat-temp, is-suppożizzjonijiet tat-teknoloġija (effiċjenzi, kostijiet), l-iskedi tal-manutenzjoni u tal-indisponibilità, is-suppożizzjonijiet tal-akkoppjament tas-setturi, is-sena tal-munita użata, ir-rata ta' skont soċjali u d-data dwar pajjiżi mhux tal-UE inklużi fl-analiżi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mudell miftuħ jippermetti lill-partijiet ikkonċernati, inklużi r-regolaturi nazzjonali, l-ACER, l-Istati Membri, l-akkademiċi u s-soċjetà ċivili jagħmlu suġġerimenti biex jadattaw ix-xenarji, isibu titjib u jittestjaw teknoloġiji innovattivi (eż. Teknoloġiji li Jtejbu l-Grilja mingħajr fili, aktar flessibbiltà, disinji differenti tas-suq).

Emenda 703
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Fl-iżvilupp tal-analiżijiet tas-sensittività, meta applikabbli, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe analiżijiet alternattivi żviluppati minn partijiet terzi, dment li dawn jiġu ddokumentati f'livell suffiċjenti. Il-Kummissjoni għandha tiddokumenta kif l-analiżijiet alternattivi tqiesu fl-iżvilupp tal-analiżijiet tas-sensittività tagħhom.

Or. en

Emenda 704
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Fil-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-Pjanifikatur għandu jħares lejn kull xenarju alternattiv żviluppat minn partijiet terzi, dment li dan jiġi ddokumentat għal livell suffiċjenti u jiġi ppreżentat fi żmien raġonevoli qabel il-finalizzazzjoni tax-xenarju.

Or. en

Emenda 705
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4d. Il-Pjanifikatur għandu jippreżenta l-abbozzi tax-xenarji ċentrali lill-Kummissjoni, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kif ix-xenarji alternattivi żviluppati minn partijiet terzi tqiesu fix-xenarju ta' referenza jew fiż-żewġ varjazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew għal liema raġunijiet ma tqisux.

Or. en

Emenda 706
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 707
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 708
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.***	5. ***L-ENTSO-E u l-ENTSO-G, f'kooperazzjoni mal-ENNOH, għandhom jippreżentaw għall-approvazzjoni l-abbozzi tax-xenarji lill-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tat-TEN-E.***

Or. en

Emenda 709
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***l-abbozz tax-xenarju*** ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu ***l-abbozz tax-xenarju*** ċentrali.	5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***l-abbozzi tax-xenarji*** ċentrali lill-Grupp TEN-E ***u lill-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati***, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E ***u tal-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati*** għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu ***l-abbozzi tax-xenarji*** ċentrali.

Or. en

Emenda 710
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ***ċentrali*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu ***l-abbozz tax-xenarju ċentrali***.	5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ***ewlieni, ix-xenarji u s-sensittivitajiet addizzjonali,*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahrejn*** minn meta jirċievu ***l-abbozzi tax-xenarji u tas-sensittivitajiet***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-bidliet għall-Artikolu 11, il-paragrafu 1.

Emenda 711

Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta*** l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li ***tkun irċeviet*** fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.	5. ***L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippreżentaw*** l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li ***jkunu rċevew*** fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahrejn*** minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Emenda 712
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.	5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ċentrali ***u, jekk xieraq, is-sensittivitajiet*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Emenda 713
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta*** l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li ***tkun irċeviet*** fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.	5. ***L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippreżentaw*** l-abbozz tax-xenarju ċentrali lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li ***jkunu rċevew*** fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahrejn*** minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emenda għall-paragrafu 1.

Emenda 714
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ***ċentrali*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ***ċentrali***.	5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li tkun irċeviet fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu l-abbozz tax-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 715
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tax-xenarju ċentrali*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li ***tkun irċeviet*** fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien xahar minn meta jirċievu ***l-abbozz tax-xenarju ċentrali***.	5. ***L-ENTSO-E, l-ENTSO-G u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozzi tax-xenarji*** lill-Grupp TEN-E, flimkien ma' informazzjoni dwar kif tqiesu l-kummenti li ***jkunu rċevew*** fil-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Grupp TEN-E għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom, jekk ikun hemm, fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu ***l-abbozzi tax-xenarji***.

Or. en

Emenda 716
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ċentrali skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.	***imħassar***

Or. en

Emenda 717
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ċentrali skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.	***imħassar***

Or. en

Emenda 718
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ċentrali skont dan l-Artikolu.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta ***x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp*** TEN-E.	6. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***xenarji biss wara l-approvazzjoni espliċita tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni rrappreżentati fil-Grupp*** TEN-E***, u għandha tqis kif xieraq il-kummenti tagħhom. Meta l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jippreżentaw kummenti ġustifikati jew emendi proposti, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-abbozzi tax-xenarji kif xieraq.***

Or. en

Emenda 719
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ċentrali skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta*** x-xenarju ***ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E***.	6. ***Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta Deċiżjoni li tapprova*** x-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura involviment aktar b'saħħtu tal-Istati Membri fl-adozzjoni tax-xenarju strateġiku tal-Unjoni, minħabba l-impatt dirett tiegħu fuq l-ippjanar tal-infrastruttura, id-deċiżjonijiet ta' investiment u l-għażliet ta' politika nazzjonali dwar l-enerġija. Meta jitqiesu l-implikazzjonijiet strateġiċi u transfruntieri ta' dawn ix-xenarji, deċiżjoni tal-Kunsill tipprovdi sjieda politika, trasparenza u bilanċ istituzzjonali akbar, filwaqt li tappoġġja aċċettazzjoni usa' u implimentazzjoni aktar faċli madwar l-Istati Membri.

Emenda 720
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ***ċentrali*** skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ***ċentrali*** filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.	6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ***ewlieni u x-xenarji addizzjonali u l-analiżijiet tas-sensittività*** filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-bidliet għall-Artikolu 11, il-paragrafu 1.

Emenda 721
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ċentrali skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.	6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ċentrali skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E ***u tal-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati***.

Or. en

Emenda 722
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji ***ċentrali*** skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.	6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi x-xenarji skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta x-xenarju ċentrali filwaqt li tqis il-kummenti mill-Grupp TEN-E.

Or. en

Emenda 723
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ix-xenarju ċentrali, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data ***sottostanti*** dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, ***soġġett*** għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ix-xenarju ċentrali, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data ***ffinalizzata*** dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali ***u l-analiżijiet tas-sensittività, meta applikabbli, elenkati fil-paragrafu 4a***, ***soġġetti*** għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 724
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ix-xenarju ċentrali, il-Kummissjoni ***għandha tippubblika d-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ix-xenarju ċentrali, il-Kummissjoni***, l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi għall-paragrafu 1.

Emenda 725
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ***ix-xenarju*** ċentrali, ***il-Kummissjoni għandha tippubblika*** d-data ***sottostanti*** dwar l-input u l-output ***għax-xenarju*** ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ***ix-xenarji*** ċentrali, ***il-Pjanifikatur għandu jippubblika*** d-data ***finali*** dwar l-input u l-output ***għax-xenarji*** ċentrali ***elenkati fil-paragrafu 4a ta' dan l-Artikolu***, soġġetti għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 726
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-att delegat dwar ix-xenarju*** ċentrali, ***il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-abbozz tax-xenarju*** ċentrali, ***l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 727
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-att delegat dwar ix-xenarju*** ċentrali, ***il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni ***tax-xenarju*** ċentrali, ***l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 728
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-att delegat dwar ix-xenarju*** ċentrali, ***il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni ***tax-xenarju*** ċentrali, ***l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 729
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-att***	7. Wara l-pubblikazzjoni ***tad-***

delegat dwar ix-xenarju ċentrali, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data sottostanti dwar l-input u l-output ***għax-xenarju ċentrali***, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	***deċiżjoni meħuda mill-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tat-TEN-E li tapprova x-xenarji, l-ENTSO-E u l-ENTSO-G għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output ***għax-xenarji***, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 730
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-att delegat dwar ix-xenarju*** ċentrali, ***il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni ***tax-xenarju*** ċentrali, ***l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ċentrali, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 731
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat ***dwar ix-xenarju ċentrali***, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data sottostanti dwar l-input u l-output ***għax-xenarju ċentrali***, ***soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u***	7. Wara l-pubblikazzjoni tal-att delegat ***imsemmi fil-paragrafu 6***, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data sottostanti ***u ffinalizzata*** dwar l-input u l-output, ***inkluża d-data msemmija fil-[Paragrafu 4b - data tal-input] għax-***

l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	***xenarji u għas-sensittivitajiet***.

Or. en

Emenda 732
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara l-pubblikazzjoni ***tal-att delegat dwar ix-xenarju ċentrali, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data*** sottostanti dwar l-input u l-output ***għax-xenarju ċentrali***, ***soġġett*** għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara l-pubblikazzjoni ***tad-deċiżjoni meħuda mill-Grupp TEN-E li tapprova x-xenarji, l-ENTSOs għandhom jippubblikaw id-data*** sottostanti dwar l-input u l-output ***għax-xenarji***, ***soġġetti*** għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 733
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Wara ***l-pubblikazzjoni tal-att delegat dwar ix-xenarju ċentrali***, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ***ċentrali***, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.	7. Wara ***d-deċiżjoni li tapprova x-xenarju strateġiku tal-Unjoni***, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data sottostanti dwar l-input u l-output għax-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni***, soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura konsistenza mal-Artikolu 11, il-paragrafu 6, li jipprevedi li x-xenarju strateġiku tal-Unjoni jiġi approvat b'deċiżjoni tal-Kunsill abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 734
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tista' tiżviluppa analiżijiet tas-sensittività għax-xenarju ċentrali jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.	***imħassar***

Or. en

Emenda 735
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***tista' tiżviluppa analiżijiet*** tas-sensittività ***għax-xenarju ċentrali*** jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu	8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***għandha żżomm u, meta meħtieġ, taġġorna x-xenarji u l-analiżijiet*** tas-sensittività jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika ***jew meta żviluppi sinifikanti fil-politika, fis-suq jew fis-***

sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.

sistema jkunu jirrikjedu dan. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.

Meta xenarji aġġornati jew analiżijiet tas-sensittività jindikaw ħtiġijiet tal-infrastruttura materjalment differenti, il-Kummissjoni għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-Aġenzija, tivvaluta jekk hijiex meħtieġa identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura aġġornata skont l-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 736
Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***tista' tiżviluppa analiżijiet tas-sensittività*** għax-xenarju ċentrali ***jekk dan ikun meħtieġ*** abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni ***tista'*** temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe ***analiżi*** tas-sensittività ta' dan it-tip.	8. ***Mill-inqas kull 24 xahar wara l-adozzjoni tax-xenarju ċentrali,*** il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***għandha tivvaluta jekk humiex meħtieġa sensittivitajiet jew aġġornamenti addizzjonali*** għax-xenarju ċentrali abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni ***għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Grupp TEN-E dwar ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni u abbażi ta' dik il-valutazzjoni*** temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe ***analiżijiet*** tas-sensittività ta' dan it-tip ***jew aġġornament għax-xenarju ċentrali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li x-xenarju ċentrali jiġi aġġornat ta' spiss biex jitqiesu l-iżviluppi u b'hekk irid ikun obbligatorju għall-Kummissjoni li tagħmel valutazzjoni tal-ħtieġa li żżid is-sensittivitajiet jew taġġorna x-xenarju ċentrali u li tinforma lill-Grupp TEN-E bir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni u li tadatta x-xenarju kif xieraq.

Emenda 737
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tista' tiżviluppa analiżijiet tas-sensittività għax-xenarju ċentrali jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.	8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti***, inklużi t-TSOs, id-DSOs u operaturi oħra tal-elettriku, operaturi tal-punti tal-irriċarġjar, fornituri tas-servizzi tal-mobbiltà elettronika, utenti tan-network, konsumaturi, l-akkademja u s-soċjetà ċivili***, tista' tiżviluppa analiżijiet tas-sensittività għax-xenarju ċentrali jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-involviment dettaljat tal-partijiet ikkonċernati huwa essenzjali biex jittejjeb il-proċess tal-ippjanar u tiġi żgurata l-aċċettazzjoni pubblika tiegħu.

Emenda 738
Christophe Grudler, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***tista'*** tiżviluppa analiżijiet tas-sensittività ***għax-xenarju ċentrali jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika***. Il-Kummissjoni ***tista'*** temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi ***kwalunkwe analiżi*** tas-sensittività ***ta' dan it-tip***.	8. Il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mal-ENTSOs***, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***għandha*** tiżviluppa analiżijiet tas-sensittività ***għax-xenarji. L-analiżi tas-sensittività għandha tivvaluta l-impatt tal-parametri soċjoekonomiċi l-aktar rilevanti, inklużi l-evoluzzjoni tad-domanda, ir-ritmu tal-varar rinnovabbli, il-prezzijiet tal-fjuwil u tas-CO2, u r-rati tal-elettrifikazzjoni***. Il-Kummissjoni ***għandha*** temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi ***analiżijiet***tas-sensittività.

Or. en

Emenda 739
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Il-Kummissjoni,*** filwaqt li ***tqis il-fehmiet*** tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***tista' tiżviluppa*** analiżijiet tas-sensittività għax-xenarju ċentrali jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.	8. ***L-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni li tiggarantixxi b'mod partikolari l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika,*** filwaqt li ***jqisu l-fehmiet*** tal-Aġenzija, tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***jistgħu jiżviluppaw*** analiżijiet tas-sensittività għax-xenarju ċentrali jekk dan ikun meħtieġ abbażi tal-iżviluppi tas-suq jew tal-politika. Il-Kummissjoni tista' temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu sabiex tinkludi kwalunkwe analiżi tas-sensittività ta' dan it-tip.

Or. en

Emenda 740
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) iqisu l-kapaċitajiet tat-teknoloġiji kollha disponibbli u emerġenti li jtejbu l-grilja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapport tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura għandu jirrifletti b'mod adegwat il-kontribut tat-teknoloġiji li jtejbu l-grilja u s-soluzzjonijiet emerġenti, li jistgħu jtejbu l-effiċjenza tan-network, jottimizzaw l-użu tal-infrastruttura eżistenti u jnaqqsu l-kostijiet ta' investiment bla bżonn.

Emenda 796
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) iqisu l-kapaċitajiet tat-teknoloġiji kollha disponibbli u emerġenti li jtejbu l-grilja

Or. en

Emenda 797
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) jikkunsidraw xenarji ta' riskju klimatiku u ta' temp estrem li jħarsu 'l quddiem, inkluż il-potenzjal ta' soluzzjonijiet mingħajr fili u diġitali biex jiġu prevenuti l-fallimenti tas-sistema

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapport tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura għandu jintegra aħjar ir-riskji klimatiċi u tat-temp estrem li jħarsu 'l quddiem sabiex jappoġġja ppjanar tal-infrastruttura aktar reżiljenti u jtejjeb it-tħejjija kontra ż-żieda fl-interruzzjonijiet fis-sistema. L-emenda tirrikonoxxi wkoll ir-rwol ta' soluzzjonijiet mingħajr fili u diġitali fit-tisħiħ tal-affidabbiltà u l-flessibbiltà tas-sistema.

Emenda 798
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) ikun konsistenti mar-Regolament (UE) 2018/1999, inklużi l-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima ppreżentati skont l-Artikolu 3 tiegħu

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsistenza bejn ir-rapport tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura u l-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-ippjanar tal-infrastruttura fil-livell tal-Unjoni u l-prijoritajiet tal-enerġija u tal-klima tal-Istati Membri, filwaqt li tittejjeb il-prevedibbiltà għall-iżvilupp tal-infrastruttura u l-ippjanar tal-investiment.

Emenda 799
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku ***u*** l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. L-ENTSO għall-Elettriku***,*** l-ENNOH ***u l-ENTSO għall-Gass***, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti ***inklużi l-Entità tal-UE għad-DSO, it-TSOs, id-DSOs u operaturi oħra tal-elettriku, operaturi tal-punti tal-irriċarġjar, fornituri tas-servizzi tal-mobbiltà elettronika, utenti tan-network, konsumaturi, l-akkademja u s-soċjetà ċivili,*** dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom. ***Wara l-konsultazzjoni, l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass u l-ENNOH għandhom jippubblikaw rapport li jiddeskrivi kif tqiesu l-kummenti li jkunu rċevew.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-involviment dettaljat tal-partijiet ikkonċernati u d-dipendenza fuq l-aħjar prattiki għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati huwa essenzjali biex jittejjeb il-proċess tal-ippjanar u tiġi żgurata l-aċċettazzjoni pubblika tiegħu.

Emenda 800
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, rispettivament, għandhom ***jikkonsultaw lill-partijiet*** ikkonċernati ***rilevanti*** dwar id-data ***addizzjonali***, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, rispettivament, għandhom ***jiżguraw konsultazzjoni trasparenti u strutturata tal-partijiet*** ikkonċernati ***kollha*** dwar id-data, is-suppożizzjonijiet***, l-approċċi ta' mmudellar, lil hinn mid-data u s-suppożizzjonijiet tax-xenarji, l-approċċi ta' mmudellar diġà kkonsultati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11,*** u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom. ***Is-suppożizzjonijiet, is-sorsi tad-data, l-approċċi ta' mmudellar, il-parametri u l-kriterji ta' valutazzjoni kollha għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku b'mod xieraq.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttejjeb it-trasparenza.

Emenda 801
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti***, speċjalment dawk li jirrappreżentaw lill-konsumaturi finali tal-enerġija,*** dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.

Or. en

Emenda 802
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku ***u*** l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data ***addizzjonali***, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp ***tar-rapport*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. L-ENTSO għall-Elettriku***,*** l-ENNOH ***u l-ENTSO għall-Gass***, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar ***ix-xenarji,*** id-data, is-suppożizzjonijiet u l-użu ***addizzjonali*** tagħhom għall-iżvilupp ***tar-rapporti*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***u ta' valutazzjoni tas-sistema*** tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Added a reference to additional scenarios, for consistency with the proposal on Art 12(2)(a).Within the TEN-E proposal, repurposing is explicitly defined and specified in the hydrogen infrastructure category. However, there is a notable absence of considering the impact of repurposing and other gas system evolutions on the whole energy system. It is essential that security of supply needs be taken into account.This absence of a complete view of the whole energy system and its security of supply could potentially result in removing or not investing in essential infrastructure. For proper planning, meeting infrastructure development standards, and to address adequacy needs, the TEN-E Regulation should include a proper gas infrastructure assessment and monitoring at a full energy system level, not just at project levels. The conclusions of the 10th Energy Infrastructure Forum in Copenhagen (CEIF) in June 2024, required ENNOH and ENTSOG to develop a report on criteria for repurposing natural gas infrastructure for hydrogen, which was finalised in November 2025 as requested by the 11th CEIF in June 2025. The described process represents just one possibility to be considered by relevant competent authorities within the Member States for the needed flexibility during the planning process. The findings of this report will be taken into account in the Ten-Year Network Development Plan 2026, as requested by the Forum.

Emenda 803
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp ***tar-rapport*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp ***tar-rapporti*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***u ta' valutazzjoni tas-sistema*** tagħhom.

Or. en

Emenda 804
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku ***u*** l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. L-ENTSO għall-Elettriku***,*** l-ENNOH ***u l-ENTSO għall-Gass***, rispettivament, għandhom jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.

Or. en

Emenda 805
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. ***L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, rispettivament, għandhom jikkonsultaw*** lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.	3. ***Il-Pjanifikatur għandu jikkonsulta*** lill-partijiet ikkonċernati rilevanti***, inklużi l-ESABCC u l-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati,*** dwar id-data addizzjonali, is-suppożizzjonijiet u l-użu tagħhom għall-iżvilupp tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tagħhom.
	Or. en

Emenda 806
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ***ta' xenarju ċentrali*** skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ***tax-xenarju inizjali*** skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu. ***Meta jkun rilevanti, il-proġetti li jadattaw għal skop ġdid l-infrastruttura tal-gass għall-idroġenu u għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-ħtiġijiet***

identifikati u għandhom jitqiesu validi, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-provvista tal-gass.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-adattament għal skop ġdid tal-infrastruttura eżistenti għandu l-potenzjal li jkollu impatt sinifikanti fuq l-impronta tal-karbonju tas-sistema tal-enerġija u l-kapaċità tagħha li tintegra sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, in-nuqqas ta' evalwazzjoni komprensiva tal-impatt tal-adattament għal skop ġdid u evoluzzjonijiet oħra tas-sistema tal-gass ifisser li tintilef opportunità biex jiġi vvalutat bis-sħiħ kif dawn il-bidliet jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u jappoġġjaw is-sostenibbiltà ambjentali. Huwa essenzjali li titqies is-sigurtà tal-provvista.

Emenda 807
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien ***6 xhur*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inkluż ***il-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	4. Fi żmien ***12-il xahar*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inkluż ***it-tqabbil*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu. ***Meta jkun rilevanti, il-proġetti li jadattaw għal skop ġdid l-infrastruttura tal-gass għall-***

idroġenu u għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati u għandhom jitqiesu validi, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-provvista tal-gass.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Infrastructure needs identification report cannot realistically be delivered within six months; therefore, the deadline should be extended to one year. About the part 'including the assessment of how projects submitted for inclusion in the Union wide ten-year network development plan match the needs identified': this sentence should not imply identifying solutions to the needs, but only comparing existing projects with the needs per border, without concluding that these projects are the solutions. ||| Within the TEN-E proposal, repurposing is explicitly defined and specified in the hydrogen infrastructure category. However, there is a notable absence of considering the impact of repurposing and other gas system evolutions on the whole energy system. It is essential that security of supply needs be taken into account. This absence of a complete view of the whole energy system and its security of supply could potentially result in removing or not investing in essential infrastructure. For proper planning, meeting infrastructure development standards, and to address adequacy needs, the TEN-E Regulation should include a proper gas infrastructure assessment and monitoring at a full energy system level, not just at project levels. The conclusions of the 10th Energy Infrastructure Forum in Copenhagen (CEIF) in June 2024, required ENNOH and ENTSOG to develop a report on criteria for repurposing natural gas infrastructure for hydrogen, which was finalised in November 2025 as requested by the 11th CEIF in June 2025. The described process represents just one possibility to be considered by relevant competent authorities within the Member States for the needed flexibility during the planning process. The findings of this report will be taken into account in the Ten-Year Network Development Plan 2026, as requested by the Forum.

Emenda 808
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien ***6 xhur*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz	4. Fi żmien ***12-il xahar*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz

rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża valutazzjoni tas-sensittivitajiet potenzjali li jirriżultaw mill-interazzjoni bejn trajettorji ta' żvilupp differenti għall-elettriku u l-idroġenu***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu. ***Meta jkun rilevanti, il-proġetti li jadattaw għal skop ġdid l-infrastruttura tal-gass għall-idroġenu u għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati u għandhom jitqiesu validi, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-provvista tal-gass.***
	Or. en

Emenda 809
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ***ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività***, l-ENTSO għall-Elettriku ***u*** l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura***, inkluż il-valutazzjoni ta'*** kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati***, lill-Grupp TEN-E***. ***F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda***	4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ***u kull sentejn wara dan***, l-ENTSO għall-Elettriku***,*** l-ENNOH ***u l-ENTSO għall-Gass*** għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***lill-Grupp TEN-E u lill-Aġenzija. Ir-rapporti għandhom jevalwaw*** kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati ***u jidentifikaw l-infrastruttura tal-gass li għandha tiġi***

ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	***adattata għal skop ġdid jew dekummissjonata minħabba ridondanza jew ridondanza mistennija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet għandhom jitwettqu aktar ta' spiss biex jitqiesu x-xejriet tas-suq li qed jevolvu li jista' jkollhom impatt fuq il-ħtiġijiet tal-infrastruttura.

Emenda 810
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ***ta' xenarju ċentrali*** skont l-Artikolu 11***, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività***, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom ***jippreżentaw*** l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura***, inkluż il-valutazzjoni ta'*** kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha ***jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu***.	4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ***tal-att delegat*** skont l-Artikolu 11, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom ***jippubblikaw*** l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***u jinformaw lill-Grupp TEN-E u lill-Aġenzija. Ir-rapporti għandhom jevalwaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura abbażi tax-xenarji u s-sensittivitajiet ippubblikati skont l-Artikolu 11 u jevalwaw*** kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha ***jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet. Ir-rapporti għandhom ikunu bbażati fuq l-aktar informazzjoni aġġornata dwar l-infrastruttura u l-proġetti eżistenti***.

Or. en

Emenda 811
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien ***6 xhur*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura***, inkluż il-valutazzjoni ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	4. Fi żmien ***12-il xahar*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***inkluża l-interdipendenza potenzjali bejn it-trajettorji tal-iżvilupp rispettivi tas-setturi tal-elettriku u tal-idroġenu, u l-implikazzjonijiet possibbli li jirriżultaw minnhom***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 812
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien ***6 xhur*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz	4. Fi żmien ***12-il xahar*** mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz

rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża s-sensittività possibbli dwar kif xejriet differenti ta' evoluzzjoni għall-elettriku u l-idroġenu jistgħu jaffettwaw lil xulxin***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 813
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ***ta' xenarju ċentrali*** skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' ***xenarji*** skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw l-abbozz rispettiv tagħhom tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH biex jiżviluppaw rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 814
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, ***l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw*** l-abbozz ***rispettiv tagħhom tar-rapport*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob ***lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH*** biex ***jiżviluppaw*** rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.	4. Fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' xenarju ċentrali skont l-Artikolu 11, ħlief meta l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, ***il-Pjanifikatur għandu jippreżenta*** l-abbozz ***tar-rapporti*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***għall-elettriku u l-idroġenu***, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kif il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, lill-Grupp TEN-E ***u lill-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati***. F'każ li l-pubblikazzjoni tkun limitata għaż-żieda ta' analiżi tas-sensittività, il-Kummissjoni tista' titlob ***lill-Pjanifikatur*** biex ***jiżviluppa*** rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura l-ġdida f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 815
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni

tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inkluż ***il-valutazzjoni ta'*** kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati***, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12*** u ***mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u*** tinforma lill-Grupp TEN-E.	tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inkluż ***mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 12(2). L-Aġenzija għandha tkompli tivvaluta*** kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati***. Meta l-Aġenzija tidentifika devjazzjonijiet jew konformità insuffiċjenti mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, hija għandha tingħata s-setgħa li titlob emendi għall-abbozzi ta' rapporti, meta dan ikun debitament ġustifikat. L-ENTSO għall-Elettriku*** u ***l-ENNOH għandhom jemendaw l-abbozz tar-rapport kif xieraq. Meta l-Aġenzija tkun talbet emendi, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentaw abbozz tar-rapport emendat li jirrifletti l-emendi mitluba fi żmien speċifikat fit-talba tal-Aġenzija. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozz tar-rapport jew l-abbozz tar-rapport emendat, l-Aġenzija għandha tapprovah jew temendah. Meta l-Aġenzija jkollha l-ħsieb li temenda r-rapport, hija għandha tikkonsulta lill-assoċjazzjoni kkonċernata, lill-Kummissjoni u lill-Grupp TEN-E. Jekk ma tinħareġ l-ebda talba fi żmien xahar, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippreżentawhom lill-Aġenzija għall-approvazzjoni. L-Aġenzija għandha*** tinforma lill-Grupp TEN-E.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Clarification and simplification: ACER is already tasked assessing compliance with the methodology in Paragraph 12 and Annex VII, which are laid out in Article 12(2) (b) and (c). It is unclear why (a) and (d) are of Article 12(2) are not included here as they are mentioned in Annex VII. Article 12(7) allows the TEN-E group to provide comments, which adds another layer of assessment (duplication). Article 12(8) enable the Commission to request updates. These multiple, partially overlapping checks by ACER, TEN-E group and the Commission and unclear references may lead to inconsistencies and procedural inefficiencies. The amendment provides a single, coherent compliance framework.

Emenda 816
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura ***mill-Grupp TEN-E***, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura***, inkluż il-valutazzjoni ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati,*** mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u ***mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma*** lill-Grupp TEN-E.	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u ***tista' titlob emendi jekk ir-rapporti ma jikkonformawx ma' tali rekwiżiti, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, mal-grupp TEN E, mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-Aġenzija għandha tidentifika l-ambitu u r-raġunijiet tal-emendi mitluba u tistabbilixxi emenda li permezz tagħha għandu jiġi ppreżentat rapport aġġornat. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozz tar-rapport jew l-abbozz tar-rapport emendat, l-Aġenzija għandha tapprovah jew temendah. Meta l-Aġenzija jkollha l-ħsieb li temenda r-rapport, hija għandha tikkonsulta lill-Entità kkonċernata, lill-Kummissjoni u*** lill-Grupp TEN-E. ***Sabiex twettaq id-dmir tagħha skont dan l-Artikolu, l-Aġenzija għandu jkollha wkoll aċċess sħiħ għad-data tal-input u għall-għodod ta' mmudellar użati għall-iżvilupp tar-rapporti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċess tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għandu jiġi ssimplifikat biex isir aktar effettiv u biex tissaħħaħ is-sorveljanza regolatorja, li hija ewlenija biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet dwar l-infrastruttura jkunu kosteffettivi. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi ħafna passi u sorveljanza minn ħafna korpi li jagħmlu l-proċess ta' approvazzjoni itwal u li ma jagħtux responsabbiltà ċara biex jiġu vvalutati r-rapporti lil korp wieħed.

Emenda 817
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura***, inkluż il-valutazzjoni ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati***, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

Or. en

Emenda 818
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura***, inkluż il-valutazzjoni ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati***, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

Or. en

Emenda 819
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E ***u lill-Grupp ta' Referenza għall-Partijiet Ikkonċernati***.

Or. en

Emenda 820
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta'	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta'

identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni*** ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, ***mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u*** mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

Or. en

Emenda 821
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluż il-valutazzjoni*** ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, ***mal-metodoloġija*** msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, ***inkluża l-valutazzjoni*** ta' kemm il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, ***mal-linji gwida qafas*** msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

Or. en

Emenda 822
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inkluż ***il-valutazzjoni*** ta' ***kemm*** il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.	5. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura mill-Grupp TEN-E, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, inkluż ***it-tqabbil*** ta' ***kif*** il-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati, mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 12 u mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness VII u tinforma lill-Grupp TEN-E.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura għandu jqabbel biss il-proġetti eżistenti mal-ħtiġijiet transfruntieri identifikati, mingħajr ma jikkonkludi li dawn il-proġetti jikkostitwixxu soluzzjonijiet. L-emenda proposta hija konsistenti mal-proposta skont l-Artikolu 12(5).

Emenda 823
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien xahar minn meta jiġu infurmati mill-Aġenzija dwar il-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, il-membri tal-Grupp TEN-E, filwaqt li jqisu il-kontribut tal-Aġenzija dwar il-konformità, jistgħu jagħtu l-kummenti tagħhom u jinfurmaw lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH rispettivament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test imħassar biex jiġi ssimplifikat il-proċess f'konformità mal-emenda proposta għall-paragrafu 5

Emenda 824
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien xahar minn meta jiġu infurmati mill-Aġenzija dwar il-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, il-membri tal-Grupp TEN-E, filwaqt li jqisu il-kontribut tal-Aġenzija dwar il-konformità, jistgħu jagħtu l-kummenti tagħhom u jinfurmaw lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH rispettivament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-bidliet proposti għall-Artikolu 12 – il-paragrafu 5.

Emenda 825
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien xahar minn meta jiġu infurmati mill-Aġenzija dwar il-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, il-membri tal-Grupp TEN-E, filwaqt li jqisu il-kontribut tal-Aġenzija dwar il-konformità, jistgħu	6. Fi żmien xahar minn meta jiġu infurmati mill-Aġenzija dwar il-konformità tal-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, il-membri tal-Grupp TEN-E, filwaqt li jqisu il-kontribut tal-Aġenzija dwar il-konformità, jistgħu

jagħtu l-kummenti tagħhom u jinfurmaw lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH ***rispettivament***.	jagħtu l-kummenti tagħhom u jinfurmaw lill-ENTSO għall-Elettriku***, lill-ENTSO għall-Gass*** u lill-ENNOH.

Or. en

Emenda 826
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fi żmien xahrejn minn meta jkunu rċevew il-kummenti mill-membri tal-Grupp TEN-E, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jadattaw l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, filwaqt li jqisu l-kummenti tal-Grupp TEN-E u tal-Aġenzija, biex jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti fil-paragrafu 2, u għandhom jissottomettu r-rapport finali ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura lill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test imħassar biex jiġi ssimplifikat il-proċess f'konformità mal-emenda proposta għall-paragrafu 5

Emenda 827
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fi żmien xahrejn minn meta jkunu rċevew il-kummenti mill-membri tal-Grupp TEN-E, l-ENTSO għall-Elettriku u	***imħassar***

l-ENNOH għandhom jadattaw l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, filwaqt li jqisu l-kummenti tal-Grupp TEN-E u tal-Aġenzija, biex jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti fil-paragrafu 2, u għandhom jissottomettu r-rapport finali ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-bidliet proposti għall-Artikolu 12 – il-paragrafu 5.

Emenda 828
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fi żmien ***xahrejn*** minn meta jkunu rċevew il-kummenti mill-membri tal-Grupp TEN-E, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jadattaw l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, filwaqt li jqisu l-kummenti tal-Grupp TEN-E u tal-Aġenzija, biex jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti fil-paragrafu 2, u għandhom jissottomettu ***r-rapport finali*** ta' identifikazzjoni ***tal-ħtiġijiet*** tal-infrastruttura lill-Kummissjoni.	7. Fi żmien ***3 xhur*** minn meta jkunu rċevew il-kummenti mill-membri tal-Grupp TEN-E, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jadattaw l-abbozzi tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura, filwaqt li jqisu l-kummenti tal-Grupp TEN-E u tal-Aġenzija, biex jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti fil-paragrafu 2, u għandhom jissottomettu ***l-abbozz finali tar-rapport*** ta' identifikazzjoni tal-infrastruttura ***lill-Grupp TEN-E u*** lill-Kummissjoni ***għall-approvazzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, ir-rieżami u l-approvazzjoni tar-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura jieħdu mill-inqas seba' xhur, li huwa kumpless wisq u jaqbeż iż-żmien allokat biex jitwettaq l-istudju. Il-valur miżjud taċ-ċirkolazzjoni tar-rapport lill-Kummissjoni mhuwiex ċar, peress li l-kummenti mill-Gruppi TEN-E diġà jridu

jiġu implimentati. Għalhekk, il-proċess għandu jiġi ssimplifikat billi l-ENTSO-E u l-ENNOH jippreżentaw rapporti aġġornati direttament lill-Gruppi TEN-E, b'allokazzjoni ta' tliet xhur biex jikkunsidraw u jimplimentaw il-kummenti tagħhom.